MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 872/2003

**Michael u Jane konjugi Debono**

**-vs-**

**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Awissu, 2003 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fil-25 ta' Frar 1999 s-socjeta' M.A. Supermarkets Ltd issellfet minghand is-socjeta' konvenuta Bank of Valletta plc is-somma ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000) – dok A u B, li

kien jikkonsisti fi facilita' ta' overdraft ta' tletin elef lira Maltin (Lm30,000) u self ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000);

Illi dan is-self sar taht garanzija personali ta' l-atturi Michael Debono u Jane Debono datat 8 ta' Marzu 1999 (Dok C), liema garanzija personali ma kienetx ffirmata minn xhud tal-firem, kif huwa indikat mit-tielet kolonna;

Illi s-socjeta' M.A. Supermarkets Ltd kienet qabzet il-facilita' ta' overdraft bi sebghin elf lira Maltin (Lm70,000), jigifieri b'total ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000) u dan kif jixhdu l-ittri ta' l-1 ta' Novembru 1999 (Dok D) u 26 ta' Jannar 2000 (Dok E);

Illi s-socjeta' konvenuta, Bank of Valletta plc, riedu li l-garanzija personali tat-8 ta' Mejju 1999, tkun ffirmata minn Nutar u b'hekk l-istess socjeta konvenuta abbozzaw it-tieni garanzija personali, li kellha tissostitwixxi dik tat-8 ta' Marzu 1999, fl-ammont ta' mitt elf lira maltin (Lm100,000);

Illi l-atturi hadu l-abbozz ta' garanzija personali ddatata 26 ta' Ottubru 1999 kienet se tkun sostituzzjoni tal-garanzija tat-8 ta' Marzu 1999 u dan minhabba li ma kienx hemm xhud tal-firem;

Illi sussegwentement s-socjeta' konvenuta, Bank of Valletta plc, ghazlet li tikkonverti s-somma ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) liema somma tirrapprezenta s-somma li qabzet il-limit tal-facilita' ta' l-overdraft, fi self kif jidher fl-ittra tal-15 ta' Novembru 2000 (Dok G);

Illi in mala fede u b'ingann is-socjeta konvenuta, Bank of Valletta plc, zammet il-garanzija personali tas-26 ta' Ottubru 1999 bhala garanzija ghal self tas-somma ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000), li ma kienetx intenzjonata ghal dak l-iskop mill-atturi;

U illi l-attrici Jane Debono, li la kienet azzjonista u anqas xi wahda mill-ufficjali ta’ M.A. Supermarkets Ltd, ma kienet taf xejn dwar dan it-tieni self u cioe’ s-somma addizzjonali sebghin elf lira Maltin (Lm70,000);

Illi effettivament irrizulta li dak in-nhar hija, minghajr ma kienu konxji ta’ dan, l-atturi dahlu ghal garanzija personali fuq l-ammont misluf ta’ Lm70,000 lil M.A. Supermarkets Ltd u dan gara biss minhabba li l-istess kunsens ta’ l-atturi gew zvijati mis-socjeta konvenuta dwar is-sustanza tad-dokument li gew mitlubin jiffirmaw, cioe’, minhabba li fl-ebda hin ma gew indikati lilhom li kienu qed jidhlu garanti ghal xi self ulterjuri ghal l-ewwel self moghti lis-socjeta’ M.A. Supermarkets Ltd;

Illi ghalhekk, il-garanzija personali ta’ l-attur Michael u Jane konjugi Debono kienet ir-rizultat tal-vizzju tal-kunsens taghhom billi kif jigi pruvat fil-kors tat-trattazzjoni gew ingannati meta ffirmaw ghal garanzija ulterjuri tas-26 ta’ Ottubru 1999, garanzija li hija ma kienux pronti jipprovdu kieku gew spjegati lilhom verament x’kienet qed jigu mitluba jiffirmaw ghalihom;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kunsens ta’ l-atturi biex huma taw il-garanzija personali datata 26 ta’ Ottubru 1999 mislufin mis-socjeta konvenuta lis-socjeta M.A. Supermarkets Ltd, kien vizjat fit-termini u skond l-Artikoli 976 u 981 tal-Kodici Civili u billi gew ingannati u fl-ebda hin ma kienu konxji li kienu qed jiffirmaw ghal garanzija gdida.

2. Tiddikjara l-istess garanzija personali li l-atturi taw lis-socjeta’ konvenuta datata 26 ta’ Ottubru 1999 fir-rigward tat-tieni self moghti lis-socjeta’ M.A. Supermarkets Ltd hija konsegwentement nulla u bla effett.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-31 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepixxiet:

1. Illi, preliminarjament l-irritwalita’ u n-nullita’ ta’ l-att tac-Citazzjoni peress illi ma fihiex tifsira cara ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba, partikolarment meta l-istess Citazzjoni hija msejsa kontestwalment fuq il-kawzali ta’ *error* a tenur ta’ l-Artikolu 976 tal-Kodici Civili u *frode* ta’ l-Artikolu 981 tal-Kodici Civili.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti teccepixxi l-konnessjoni ta’ din il-kawza, mal-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni numru 1349/2002 pendenti quddiem Din il-Qorti – Onor. J. Azzopardi – u differita ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru, 2003 u dan stante illi d-Decizjoni ta’ din il-kawza tista’ tolqot id-decizjoni tal-kawza l-ohra a tenur ta’ l-Artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju fil-meritu, l-eccipjenti teccepixxi li assolutament ma huwiex minnu illi l-konvenuta induciet jew zvijat lill-atturi jew b’xi mod kienet in malafede jew li l-atturi ma kienux jafu u li kienu fl-izball meta ffirmaw il-garanzija personali tas-26 t’Ottubru, 1999 liema garanzija giet minnhom iffirmata ghall-bzonnijiet rikjest mis-socjeta’ M.A.

Supermarkets Limited li huma kienu jiggestixxu minbarra l-involviment taghhom bhala azzjonisti u diretturi ta' l-istess socjeta' u huwa ta' dispjacir illi s-socjeta' konvenuta tigi rinfaccata b'tali akkuzi meta kull ma ghamlet is-socjeta' attrici hija li ppruvat tghin li-socjeta' M.A. Supermarkets Limited gestita mill-istess konvenuti, biex tkun tista' topera ahjar fis-sena 1999.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuti mahlufa mill-Prokuratur Legali Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara nulla l-garanzija personali li huma ffirmaw ghad-dejn tas-socjeta' M.A. Supermarkets Limited li taghha l-attur huwa direttur. Il-lanjanza principali tal-atturi hija li huma ma kinux jafu li li kienu qed jiffirmaw garanzija illi testendi dik li gia' kienu ffirmaw ghaliha fi Frar 1999 izda hasbu li kienu qed jissostitwixxu dik b'ohra li kienu appuntu qed jiffirmaw fis-26 ta' Ottubru, 1999.

Huwa fatt li originarjament s-socjeta' in kwistjoni kien isselfet mill-bank konvenut is-somma ta' mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) – sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) self u l-bqija *overdraft*. Skond l-istess atturi din il-facilita' ta' *overdraft* inqabzet b'sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) ohra u ghalhekk intalbet garanzija personali ulterjuri biex tkopri dan l-eccess.

Il-Qorti ssib diffikolta' tifhem kif l-atturi ppretrendew li jiffirmaw garanzija personali meta l-*overdraft* gie eccedut mis-socjeta' M.A. Supermarkets Limited b'sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) u li din il-garanzija tkopri biss l-eccess. Minn imkien ma rrizulta li l-bank tahom din l-impressjoni u jekk

kellhom din l-impressjoni huma ma jistghux jitfghu t-tort fuq il-bank. Jekk huwa hekk dan kien non-kuranza taghhom stess u allura kien messhom hadu parir legali. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijet Navarro vs Baldacchino (28 ta' Frar, 2003) *tali non-kuranza ma tistax tigi kondonata u lanqas premjata billi l-Qorti taccetta l-assunt fuq dak li seta' haseb* (f'dan il-kaz) *il-konvenut li kien fih il-kuntratt meta dan invece mill-apparenza tieghu kien jikkontjeni terminu u kondizzjonijiet precizi. Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti. Ir-raguni mbaghad tiddetalu, una volta kellu kopja tal-kuntratt illi jezamina sewwa l-kjuntratt u mhux jaghtih semplici hemza biex jekk dan ma kienx jirrifletti l-verita' jattira l-attenzjoni fuq daqshekk.*

Il-Qorti ma ssib ghalhekk ebda raguni ghaliex il-kuntratt in kwistjoni ghandu jigi dikjarat null a bazi tal-Artikolu 976 u wisq inqas tal-Artikolu 981 tal-Kodici Civili ghaliex certament ma gie pruvat ebda qerq jew ghemil doluz mill-bank konvenut. Il-fatt li b'kollox hemm garanzija personali ghal ammont li jista' jkun ikbar minn dak dovout sa issa mis-socjeta'MA Supermarkets ma jfissirx li l-kuntratt huwa null izda naturalment il-bank ma jistax jezigi hlas mill-atturi iktar minn dak effettivament dovut.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------